MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 4/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Dayana Micallef u Paul Micallef**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li tghid hekk:

"Illi l-kovenuti ghandhom jigu ikkundannati ihallsu lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' erba' mija u erbgh u tmenin lira Maltin u hames centezmi (Lm484.05) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21559522 (C/N 6420, AC No. 10211509), liema servizz gie installat fi Flat 7, Block A, Triq tac-Cawla, Victoria, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreements u t-talba ght-trasferiment tas-servizz li qed jigu hawn annessi u immarkati bhala dokument "A", "B" u "C".

Bl-ispejje komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li minn isa huma ingunti ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta tal-konvenuta li tghid hekk:

"Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Dayana Micallef (I.D. no 355890(M))

Tecepixxi bir-rispett:
1. Preliminarjament il-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artikolu 2156 (F) tal-Kodici Civili
2. Illi fil-mertu u minghjar pregudizzju ghal premess, il-kont jirriferi ghal numru ta' telefone li mieghu l-konvenuta qatt ma kellha x'taqsam
3. Illi ghalhekk hija m'hijiex debitrici lejn is-socjeta attrici ghal ebda ammont ta' flus.
4. Salvi eccezzjonijiet ohr afid-dritt u fil-fatt/.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma wegibx

Sema' l-provi

Ikkunsidra

Kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali skond 2156(f), huwa assodat fil-gurisprudenza li din hija tabilhaqq il-preskrizzjoni applikabbli ghall-hlas ta' servizz tat-telefon. Pero' skond l-itemised bill prodott fuq talba tat-Tribunal, il-hlas qieghed jintalab ghal servizz mill-2001 'l hawn u ghalhekk il-perjodu ta' hames snin ma lahaqx ghadda.

Illi l-fattispecje emergenti mill-provi hija din:

Is-servizz tat-telefon mertu ta' din il-kawza kien dejjem f'isem il-konvenut Paul Micallef u kien dejjem jinstab fl-appartament ossia residenza konjugali taghhom.
Il-konvenut Paul Micallef kien ikun generalment imsiefer fuq xoghol filwaqt li l-appartament imsemmi kien okkupat minn martu u wliedu, ghajr ghal perjodu qasir bejn il-04.05.2001 u l-05.06.2001 meta martu abbandunat dan l-

appartament u marret toqghod m' ommha, sakemm ottjeniet, fil-mori ta' proceduri ta' separazzjoni personali, il-jedd li tokkupa l-istess appartament ad eskluzjoni ta' zewgha.
Il-komunjoni tal-akkwisti giet xjolta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-05.10.2004, bla ma saret xi riferenza ghall-allokazzjoni tad-debiti li seta' kien hemm gravanti l-komunjoni tal-akkwisti.

Illi gie deciz mhux biss minn dan it-Tribunal, diversament ippresedut u cjoe' mill-P.L. Chev. Paul Saliba – in re: **Maltacom plc vs Gesualda Saliba u b'digriet tal-11 t'April 2000 gie kjamat fil-kawza Emmanuel Saliba – 17.04.2001** imma wkoll mill-Qorti tal-Appell – ara **Korporazzjoni Telemalta vs Diana u Alfred konjugi Hili – Qorti tal-Appell (Onor P Sciberraas) 15.12.2003** kif ukoll **Maltacom v Anthony Aquilina –** Qorti tal-Appell (Onor P Sciberras) 28.05.2003 illi kont tat-telefon huwa att ta' amministrazzjoni ordinarja, li jiggrava lill-komunjoni tal-akkwisti anke jekk il-kont ikun biss f'isem wiehed mill-konjugi, u li ghalih l-anqas biss huwa mehtieg il-kunsens tal-konjugi l-iehor.

F' **Maltacom v Anthony Aquilina** gie ritenut illi:

*Ghandu jkun pacifiku illi l-Qorti jkollha tiehu bhala fatt il-kontrattazzjoni li saret bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut fit-3 ta' Awissu 1989 (fol. 5). Minnha jirrizulta li kien il-konvenut wahdu li applika ghall-installazzjoni ta' l-apparat telefoniku. Att dan li, kif koncess mill-istess konvenut, ma kienx jehtieg il-kunsens tal-partijiet fiz-zwieg;*

*Jekk dan hu hekk rikonoxxut, u pacifikament accettat mill-konvenut innifsu, il-Qorti ma ssibx raguni, imbaghad, biex dan l-istess rikonoxximent ma jircevix ukoll applikazzjoni pjena ghal dawk li huma obbligi naxxenti mill-istess kontrattazzjoni u konnessi mas-servizz provvdut bis-sahha ta' l-istess ftehim;*

*L-obbligazzjoni giet assunta mill-konvenut innifsu bl-imsemmi kuntratt u allura kull hlas ghas-servizz derivanti minnu, jew konness ma' jew emergenti mis-servizz moghti, ghandu jitqies oggettivament u effettivament bhala obbligu dwar spiza ordinarja u rikorrenti mwielda minn att ta' amministrazzjoni ordinarja. Prima facie ghalhekk din il-Qorti ma tarax li kien necessarju li ssocjeta` attrici tharrek ukoll lil mart il-konvenut meta din ma kienetx parti fil-kuntratt ta' ftehim;*

*Il-kontrattazzjoni ghalhekk u kull haga konnessa maghha, kompriz allura il-hlas reklamat ghas-servizz provvdut, ghandha tigi regolata bl-Artikolu 1322(1) tal-Kodici Civili;*

*Ma jidherx, minn ezami tal-ligi, illi l-materja de quo tista' tigi kwalifikata bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja jew kazellata taht xi wahda mill-ipotesijiet elenkati fis-subinciz (3) ghall-Artikolu 1322;*

*Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk l-att ghandu jitqies li jaqa' fl-amministrazzjoni ordinarja ta' l-akkwisti. Li jfisser, ope legis, u b'konsegwenza illi "l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga".*

Hekk ukoll, fis-succitata **Korporazzjoni Telemalta vs Diana u Alfred konjugi Hili, il-Qorti tal-Appell irrimarkat li:**

*Ugwalment fil-kaz tat-tieni aggravju filwaqt li din il-Qorti, bhall-ewwel wahda, tissimpatizza mal-qaghda li fiha sab ruhu l-appellant, similment ma tistax imbaghad tinjora l-ligi, senjatament illi l-assi tal-komunjoni jaghmlu tajjeb ghad-debitu konnessi mal-uzu tas-servizz tat-telephone, anke jekk dan l-uzu sar minn martu u hu kien gja pprovda bil-versament ta' flejjes lill-martu biex din tissalda lkontijiet tat-telephone. Ara deposizzjoni tieghu a fol 63. Ammissjoni din li manifestament turi li hu kien irratifika l-uzu li martu ghamlet mis-servizz (Art 1229 Kap 16). Legalment dan jaghmlu tenut ghall-obbligi derivanti minn*

*dak l-uzu, anke jekk issa jilmenta, forsi mhux minghajr raguni, illi martu utilizzat is-servizz f'telefonati lill-"persuna partikolari". Tali ilment pero` jista' jkollu piz fil-proceduri ta' separazzjoni bejnu u martu, essenzjalment fl-istadju tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u dwar liema jista' forsi japplika wkoll id-dispost tal-Artikolu 1331 tal-Kodici Civili.*

L-istess Qorti ziedet tghid li r-relazzjonijiet interni bejn il-konjugi huwa *res inter alios acta* ghall-kreditur*:*

*B'danakollu di fronte ghall-kreditur, dan l-istess ilment ma jistghax jiggjovah biex jehilsu mill-obbligu talhlas. Bhala konsocju fil-komunjoni tal-akkwisti huwa jibqa' responsabbli flimkien ma' martu biex jiskonta d-dejn. Il-kwestjonijiet interni bejnu u martu kellhom allura jitqiesu 'res inter alios acta' ghas-socjeta` appellata.*

Fil-kaz prezenti, is-subscriber kien il-konvenut Paul Micallef. Kuntrarjament ghal dak li ghamlet fil-kawzi precitati, f'dan il-kaz, ghar-ragunijiet taghha – ovvjament biex tkun tista' tesegwixxi s-sentenza -is-socjeta' attrici harrket kemm lilu kif ukoll lil martu. Billi ghar-ragunijiet fuq esposti d-debitu in kwistjoni tnissel minn att ta' amministrazzjoni ordinarja, kien jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti dak iz-zmien ezistenti bejn il-konvenuti independentement minn min minnhom ghamel uzu tas-servizz. Jirrizulta li l-komunjoni giet sussegwentement xjolta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-5 t'Ottubru 2004 (esibita a fol 80) bla ma sar ebda provvediment dwar l-allokazzjoni tad-djun li setghu kienu jiggravaw il-komunjoni tal-akkwisti. Skond Artiklu 1330 tal-Kodici Civili, meta l-assi tal-komunjoni jkunu insufficjenti biex jaghmlu tajjeb ghad-debitu li jiggravawha, il-kredituri tal-komunjoni jistghu jagixxu *in subsidium* kontra l-proprjeta' parafernali tal-konjugi. Fil-kaz prezenti, il-komunjoni m'ghadhiex tezisti. Ma jidhirx li l-precitat artiklu jpoggi lill-konjugi solidalment responsabbli ghad-debiti tal-akkwisti. Ghalhekk, ghad-debitu in kwistjoni, il-konvenuti huma responsabbli fil-kwota ta' nofs kull wiehed bil-proprjeta' parafernali rispettiva taghhom.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti, fil-kwota ta' nofs kull wiehed, li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma globali ta' LM484.05 (cioe' LM242.025 il-konvenuta Dayana Micallef u LM242.025 il-konvenut Paul Micallef) ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 21559522 bl-ispejjez, u bl-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------